# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 84/98G1(PC)

**L-avukat Dottor Alfred Grech .**

**vs.**

**L-avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur u ghan-nom tal-imsiefra Valerie mart l-istess l-Avukat Dottor Alfred Grech .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :**

**Illi l-attur izzewweg lill-konvenut nomine fid-dsatax (19) ta' April tal-elf disa' mija u tmenin (1980) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku bl-isem Robert li twieled fit-tlieta (3) ta' Jannar tal-elf disa' mija u disghin (1990) .**

**Illi wara li l-konvenuta kienet telqet telqet mid-dar matrimonjali u hadet maghha lil binha, l-attur kien ghazel li jsib abitazzjoni alternattiva ghalieh sabiex martu u binha setghu jirritornaw fid-dar matrimonjali kif fil-fatt ghamlu .**

**Illi fil-frattemp l-attur kien ottjena minn din l-Onorabbli Qorti digriet provizorju li permezz tieghu l-minuri msemmi gie mizmum milli johrog minn dawn il-gzejjer .**

**Illi nhar l-erbatax (14) ta' Frar tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) l-konvenuta minghajr ebda gustifikazzjoni kwalsiasi abbandunat id-dar matrimonjali, harget b'mod illegali minn dawn il-gzejjer u minkejja l-ordni fil-mandat ta' Impediment tas-safar imsemmi hadet maghha lill-minuri Robert Grech .**

**Illi jirrizulta li l-konvenuta waslet fl-Istati Uniti tal-Amerika .**

**Illi l-attur irid li jigi ddikjarat li stante l-agir tal-konvenuta hija iddekadiet mid-drittijiet taghha fil-konfront tieghu ghall-alimenti sew ghaliha personalment u kif ukoll ghal binha .**

**Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

**1. Tiddikjara li stante l-premess il-konvenuta ddekadiet mill-jeddijiet taghha fil-konfront ta' zewgha ghall-alimenti sew ghaliha personalment u kif ukoll ghall-minuri Robert Grech .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar fl-ismijiet "Dr. Alfred Grech vs. Valerie Grech" .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut nomine li ggib id-data tas-6 ta' Mejju 1998 .**

**Rat id-digriet taghha tad-29 ta' April 1998 fejn laqghet it-talba ta' l-attur sabiex din il-kawza tigi appuntata ghas-smiegh u tinstema b'urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali .**

**Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 1998 fejn cahdet it-talba tal-konvenut nomine li jiggustifika l-kontumacja tieghu .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi pemezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li martu tilfet kull dritt ghall-manteniment ghaliha u ghal binha minuri, wara li din qabdet u abbandunat id-dar taz-zwieg u harbet minn dawn il-gzejjer klandestinament bit-tifel komuni taghhom, u dana minkejja li kien hemm ordni provizorja ta' din il-Qorti li l-minuri ma kellux jitnehha minn dawn il-gzejjer minghajr l-awtorizzazzjoni Taghha .**

**Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, li ma gew bl-ebda mod ikkontestati, anke minhabba l-istess kontumacja tal-konvenut**

nomine li deher ghal mart l-attur fl-assenza taghha minn dawn il-gzejjer, huma esposti bl-aktar mod elaborat u dettaljat fil-provi prodotti mill-attur . A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, din il-Qorti qed taghmel piena referenza ghalihom minghajr il-htiega li toqghod terga' tirrepeti kollox f'din is-sentenza . Dawn il-provi, ghalkemm mhux kollha daqstant rilevanti ghal kawza prezenti, daqs kemm huma ghal proceduri ohra li ghadhom pendenti bejn l-istess partijiet, jaghtu stampa pjuttost cara ta' kif sehhew l-affarijiet li wasslu sabiex ghal xi raguni jew ohra mart l-attur tabbanduna d-dar taz-zwieg u ssiefer minn dawn il-gzejjer bit-tifel minuri komuni, waqt li kienu ghaddejjin proceduri ghas-separazzoni bejniethom .

Din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita', kif kien ikun aktar gust u ekwu, tisma' l-verzjoni tal-konvenut nomine, sabiex tkun tista' tevalwa ahjar jekk kienx hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw l-azzjoni ta' mart l-attur .

Irrizulta wkoll fil-mori tas-smiegh ta' din il-kawza li l-attur, wara diversi proceduri legali fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn gie maghruf li s-sinjura Grech kienet tinstab wara li harbet minn Malta bit-tifel taghha, irnexxielu jerga' jgib lil minuri f'dawn il-gzejjer u t-tifel illum rega' qieghed ma missieru u mantnut unikament minnu . Imma, minkejja dan kollu, martu baqghet tghix fl-Istati Uniti u qatt ma rritornat .

Huwa evidenti li t-talba maghmula fic-citazzjoni prezenti ta' l-attur hija bbazata fuq l-artikolu 6 tal-Kap. 16 li jistipula li :

"Id-dmir tal-manteniment ta' parti fiz-zwieg lejn il-parti l-ohra jintemm jekk il-parti l-ohra, wara li tkun telqet mid-dar taz-zwieg, bla raguni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar" .

Illi kif gie gia imfisser hawn fuq, din ir-raguni xierqa ghaliex mart l-attur ma rieditx tmur lura fid-dar taz-zwieg ma gietx spjegata, ghalkemm huwa ovvju illi l-possibilita' li din ikollha tissubixxi ruha ghal proceduri legali, anke kriminalment, minhabba l-harba klanestina taghha bil-minuri, kemm il-darba tiddecidi li tirritorna f'dawn il-gzejjer, hija u tibqa' ndubbjamnet ostakolu serju ghaliha .

Madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi f'dawn ic-cirkostanzi ma tistghax taghmel mod iehor hlief illi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi mart l-attur ddekadiet mill-jeddijiet taghha ghall-hlas ta' retti alimentari sew ghaliha personalment, ghax harbet mid-dar taz-zwieg, kif ukoll ghall-minuri ghax tnehha mill-gurisdizzjoni ta' din

**il-Qorti minghajr awtorizzazzjoni, ghalkemm sussegwentement rega' inghaqad ma' missieru l-attur, li qed imantnieh wahdu .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li mart l-attur, kif rapprezentata f'dawn l-atti mill-konvenut nomine, ddekadiet mill-jeddijiet taghha fil-konfront ta' zewgha ghall-alimenti ghaliha personalment, kif ukoll ghall-binha minuri Robert Grech, b'effett mill-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), id-data li fiha abbandunat id-dar taz-zwieg u harget minn dawn il-gzejjer .**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard .**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S8498Pc